REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/140

tas-26 ta' Jannar 2017

li jinnomina laboratorju ta' referenza tal-UE għal mard ikkawżat minn viruses tal-capripox (il-marda tal-infafet fil-ġilda u l-ġidri tan-nagħaġ u l-mogħoż), filwaqt li jistipula responsabbiltajiet u ħidmiet supplementari għal dak il-laboratorju u jemenda l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(5) u (6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jistabbilixxi l-ħidmiet, id-dmirijiet u r-rekwiżiti ġenerali għal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea (UE) għall-ikel u l-għalf u għas-saħħa tal-annimali. Il-laboratorji ta' referenza tal-UE għas-saħħa tal-annimali u għall-annimali ħajjin huma elenkati fit-taqsima II tal-Anness VII ta' dak ir-Regolament.

(2) Għad m'hemmx laboratorju ta' referenza tal-UE għal mard ikkawżat minn viruses tal-capripox (il-marda tal-infafet fil-ġilda u tal-ġidri tan-nagħaġ u l-mogħoż). Il-laboratorji ta' referenza tal-UE għandhom ikopru l-oqsma tal-liġi dwar l-għalf u l-ikel u s-saħħa tal-annimali meta jkunu meħtieġa riżultati analitiċi u dijanjostiċi preċiżi. L-imxijiet tal-mard ikkawżat mill-viruses tal-capripox jirrikjedu riżultati analitiċi u dijanjostiċi preċiżi.

(3) Fit-30 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni nediet sejħa għal applikazzjonijiet biex tagħżel u tinnomina laboratorju ta' referenza tal-UE fil-qasam ta' mard ikkawżat mill-viruses tal-capripox (il-marda tal-infafet fil-ġilda u l-ġidri tan-nagħaġ u l-mogħoż). Il-laboratorju magħżul "Veterinary and Agrochemical Research Centre — CODA-CERVA" għandu jiġi nnominat bħala l-laboratorju ta' referenza tal-UE fil-qasam ta' mard ikkawżat mill-viruses tal-capripox (il-marda tal-infafet fil-ġilda u l-ġidri tan-nagħaġ u l-mogħoż).

(4) Barra mill-funzjonijiet u l-ħidmiet ġenerali stipulati fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, il-laboratorju magħżul għandu jiġi assenjata ċerti kompiti u responsabbiltajiet speċifiċi.

(5) It-taqsima II tal-Anness VII mar-Regolament (KE) Nru 882/2004 għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Veterinary and Agrochemical Research Centre — CODA-CERVA ta' Brussell huwa permezz ta' dan ir-Regolament innominat bħala l-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni (UE) fil-qasam ta' mard ikkawżat mill-viruses tal-capripox (il-marda tal-infafet fil-ġilda u l-ġidri tan-nagħaġ u l-mogħoż).

Ir-responsabbiltajiet u l-ħidmiet għal dak il-laboratorji huma stipulati fl-Anness.

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

Artikolu 2

Fit-taqsima II tal-Anness VII mar-Regolament (KE) Nru 882/2004, jiżdied il-punt 19 li ġej:

"19. Il-laboratorju ta' referenza tal-UE għal mard ikkawżat minn viruses tal-capripox (il-marda tal-infafet fil-ġilda u tal-ġidri tan-nagħaġ u l-mogħoż).

Veterinary and Agrochemical Research Centre — CODA-CERVA

Operational Directorate Viral Diseases

Unit Vesicular and Exotic Diseases

Groeselenberg 99

1180 Brussels

Il-Belġju".

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Jannar 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Ir-responsabbiltajiet u l-ħidmiet tal-laboratorju ta' referenza tal-UE għal mard ikkawżat mill-viruses TAL-capripox (il-marda tal-infafet fil-ġilda u tal-ġidri tan-nagħaġ u l-mogħoż)

Barra mill-funzjonijiet u l-ħidmiet ġenerali tal-laboratorji ta' referenza tal-UE fis-settur tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, il-laboratorju ta' referenza tal-UE għal mard ikkawżat mill-viruses tal-capripox (il-marda tal-infafet fil-ġilda u tal-ġidri tan-nagħaġ u l-mogħoż) għandu jkollu r-responsabbiltajiet u l-ħidmiet li ġejjin:

1. *Li jiżgura l-kollegament bejn il-laboratorji nazzjonali tal-Istati Membri u jipprovi metodi ottimali għad-djanjożi ta' mard ikkawżat mill-viruses tal-capripox (il-marda tal-infafet fil-ġilda u tal-ġidri tan-nagħaġ u l-mogħoż) fil-bhejjem, speċifikament billi:*

   (a) jwettaq il-karatterizzazzjoni ġenomika, jagħmel analiżi filoġenetika (ir-relazzjoni ma' razez oħrajn tal-istess virus) u jaħżen razez tal-viruses tal-capripox sabiex jiffaċilita s-servizzi djanjostiċi fl-Unjoni u, fejn hu xieraq u meħtieġ, pereżempju sabiex isiru segwiti epidemjoloġiċi jew verifika ta' djanjożi;

   (b) jibni u jżomm kollezzjoni aġġornata ta' razez u iżolati tal-viruses tal-capripox u sjeri speċifiċi u reaġenti oħra meħtieġa għad-dijanjosi tal-mard meta u jekk ikunu disponibbli;

   (c) jarmonizza d-djanożi u l-iżgurar tal-proficjenza tal-ittestjar fl-Unjoni billi jorganizza u jħaddem provi komparattivi bejn il-laboratorji perjodiċi u eżerċizzji assikurattivi esterni ta' kwalità dwar id-djanjożi ta' dak il-mard fil-livell tal-Unjoni u permezz ta' trażmissjoni perjodika tar-riżultati ta' provi bħal dawn lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-laboratorji nazzjonali nominati għad-djanjożi ta' dawk il-mardiet;

   (d) iżomm l-għarfien espert dwar dak il-mard biex jippermetti djanjożi differenzjali rapida, b'mod partikolari, viżavì mardiet virali rilevanti oħrajn;

   (e) iwettaq studji ta' riċerka bl-għan li jiżviluppa metodi aħjar ta' kontroll tal-marda b'kollaborazzjoni mal-Laboratorji Nazzjonali nnominati għad-djanjożi ta' dak il-mard kif miftiehem mal-Kummissjoni;

   (f) jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar aspetti xjentifiċi relatati mal-viruses tal-capripox u, b'mod partikolari, dwar l-għażla u l-użu ta' varjetajiet tat-tilqim bil-viruses tal-capripox.

2. *Li jsostni l-funzjonijiet tal-laboratorji nazzjonali tal-Istati Membri nnominati għad-djanjożi tal-mard ikkawżat mill-viruses tal-capripox (il-marda tal-infafet fil-ġilda u tal-ġidri tan-nagħaġ u l-mogħoż), b'mod partikolari billi:*

   (a) jaħżen, u jipprovdi sjeri standard u reaġenti oħra ta' referenza, bħal viruses, antiġeni inattivati jew linji taċ-ċelloli, lil dawk il-laboratorji djanjostiċi sabiex jiġu standardizzati t-testijiet u r-riaġenti użati f'kull Stat Membru, meta l-identifikazzjoni tal-aġent u/jew l-użu ta' testijiet seroloġiċi huma meħtieġa;

   (b) jassisti b'mod attiv fid-dijanjożi tal-mard b'rabta ma' suspett u konferma ta' tifqigħat fi Stati Membri billi jirċievi iżolati tal-viruses tal-capripox għall-finijiet ta' djanjożi konfermatorja, karatterizzazzjoni tal-virus, filwaqt li jikkontribwixxi għal investigazzjonijiet u studji epidemjoloġiċi. jikkomunika r-riżultati ta' dawn l-attivitajiet mingħajr dewmien lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-laboratorji nazzjonali nnominati għad-djanjożi ta' dak il-mard ikkonċernat.

3. *Li jipprovdi informazzjoni u jwettaq taħriġ ulterjuri, b'mod partikolari billi:*

   (a) jiffaċilita l-provvista ta' taħriġ u korsijiet ta' aġġornament u gruppi ta' ħidma għall-benefiċċju tal-laboratorji nazzjonali nnominati għad-djanjożi ta' mard ikkawżat mill-viruses tal-capripox u ta' esperti fid-djanjożi tal-laboratorju bil-ħsieb li jiġu armonizzati t-tekniki djanjostiċi għal dak il-mard fl-Unjoni kollha;

   (b) jieħu sehem f'fora internazzjonali li jikkonċernaw b'mod partikolari l-istandardizzazzjoni ta' metodi analitiċi għal dak il-mard u l-implimentazzjoni tagħhom;

   (c) jikkollabora ma' laboratorji kompetenti rilevanti f'pajjiżi terzi fejn dawn il-mardiet huma prevalenti fir-rigward ta' metodi djanjostiċi għal mard ikkawżat mill-viruses tal-capripox;

(d) jirrevedi fil-laqgħa annwali tal-laboratorji nazzjonali nnominati għad-djanjożi ta' mard ikkawżat mill-viruses tal-capripox ir-rekwiżiti rilevanti għall-ittestjar stabbiliti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri u l-Manwal tat-Testijiet Djanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE);

(e) jgħin lill-Kummissjoni fir-reviżjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-OIE stabbiliti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri u l-Manwal tat-Testijiet Djanjostiċi u t-Tilqim tal-Annimali Terrestri;

(f) iżomm ruħu aġġornat dwar l-iżviluppi fl-epidemjoloġija tal-mard ikkawżat mill-viruses tal-capripox.